MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 37/2001/1

**Anthony u Dionisia konjugi Cremona**

**vs**

**Paul Cutajar u martu Frances Cutajar**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Jannar 2001 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi fil-25 ta' Settembru 2000 il-partijiet iffirmaw skrittura privata bejniethom (Dok A) li fiha l-konvenut obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur xarabank bin-numru tar-registrazzjoni FBY-801.

Illi l-attur hallas lill-konvenut kapparra tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

Illi l-konvenut obbliga ruhu fl-iskrittura hawn fuq indikata li jaghti l-pussess tax-xarabank in kwistjoni sa 15-il gurnata mid-data tal-iskrittura.

Illi l-konvenut ghalkemm mitlub jikkonsenja x-xarabank naqas li jaghti l-pussess taghha kif kien obbliga ruhu li jaghmel, u mhux talli hekk, izda jirrizulta ukoll illi habat bl-istess xarabank u ghamlilha hsara konsiderevoli u *inoltre* imbaghad anke ittrasferixxa l-istess xarabank lit-terzi.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex prevja kull dikjarazzjoni opportuna m'ghandux jigi kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti:

1. Ihallas lura lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) *oltre* l-imghax legali;

2. Elf lira Maltin (Lm1,000) addizzjonali *a tenur* tal-artikolu 1359 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-7 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 21 ta' Frar 2001 (fol 12) fejn esponew : -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li kif ser jirrizulta mill-provi, kienu l-atturi li naqsu milli jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh u ghalhekk l-eccipjenti m'ghandhom iroddu xejn lura lill-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-konvenuti u l-Avukat taghhom imsejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Malcolm Mifsud ghall-attur tratta l-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Novembru 2004; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni ta' somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) li hallsu bhala kapparra fuq konvenju ghax-xiri ta' xarabank bin-numru FBY-801, *piu`* l-hlas tas-somma addizzjonali ta' Lm1000 *a tenur* tal-**artikolu 1359** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti qed jichdu dawn l-addebiti billi jghidu li kien l-attur li naqas li jersaq ghall-att finali ta' bejgh.

Fil-qosor, fil-25 ta' Settembru 2000 il-partijiet iffrimaw skrittura privata (**Dok.A** a fol.5-6) ghand in-Nutar Mario Bugeja, li fiha l-konvenut obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur xarabank bin-numru FBY-801. L-attur hallas kapparra ta' Lm1000. Fil-mori l-konvenut habat bix-xarabank u ttrasferih lill-terzi.

Skont l-iskrittura, l-attur intrabat li jixtri x-xarabank *tale quale* ghall-prezz ta’ Lm33,500, pagabbli bil-kapparra ta' Lm1000 u mbaghad depoziti ta' Lm200 kull 15-il gurnata bl-imghax. Ix-xarabank kellu jinghata lix-xerrej sa 15-il jum mid-data tal-ftehim.

**Anthony Cremona**[1] xehed li l-konvenut ried xi zmien qabel ma jikkonsenja x-xarabank peress li ried jistalla d-dawl u jizboh fuq barra. Minflok ma ghamel dawn ix-xoghlijiet il-venditur kien qed juza x-xarabank, u l-attur tah estensjoni tat-terminu ghall-konsenja. Il-konvenut kien anke habat bix-xarabank ghaliex ra li kellha daqqa fil-genb in-naha ta' wara. Hu sar jaf li l-konvenut biegh ix-xarabank lill-terza persuna. Xehed ukoll li mar ghand in-Nutar Bugeja u dan cempel lil Cutajar "*Is-Sur Cutajar qal lin-Nutar li la ried jaghti l-karrozza tal-linja u lanqas il-flus lura".*

In **kontro-ezami,** xehed li ma marrux ghand nutar biex jiktbu estensjoni taz-zmien tal-konvenju. Ix-xarabank kien l-ewwel wiehed li kien ser jixtri ghaliex sa dak iz-zmien kien jikri x-xarabank li kien jahdem bih. Meta avvicina lill-konvenut biex jixtri xarabank, kellu interess li jarma ghal rasu. Hu cahad li l-kwistjoni li kellu mal-mara kienet ir-raguni ghaliex ma hax ix-xarabank izda hu minnu li f'dak iz-zmien kellu inkwiet maghha. Xehed li *"It-trukk ridtu imma ma ridtux bil-hsara....Naqbel li x-xoghol li konna ftehmna li jsir fuq il-konvenju kien sar...In-negozju sfratta minnhabba d-daqqa illi garrab ix-xarabank fl-incident tas-Siggiewi."*

Cahad li l-konvenut hadu ghand il-*panel beater* biex jghidlu biex it-trukk isewwieh.

Missieru **Paul Cremona,** li kien prezenti waqt l-iffirmar tal-ftehim, ikkonferma li ibnu ma hax il-konsenja tat-trukk.[2] Hu qal li l-ftehim kien li t-trakk kellu jaghtihulu kif suppost izda ibnu ra li t-trukk kellu daqqa fuq in-naha ta' wara tal-genb,[3] u ibnu ma riedux. Meta ghamlu l-iskrittura, t-trukk ma kellux daqqa.

**In-Nutar Mario Bugeja**[4] ikkonferma li l-attur kien kellmu peress li skont dak li qallu, l-pussess tat-trukk ma kienx

[1] Affidavit a fol.19 tal-process
[2] Xhieda fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2001.
[3] Ritratti Dokti AC1-AC3 esebiti mill-attur fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2002
[4] Xhieda fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2003 a fol 70 tal-process.

gie mghoddi lilu skont il-kitba. L-ammont ta' Lm1000 imsemmi bhala kapparra thallas quddiemu. Iktar tard xehed li ma jeskludix li kellmu wkoll il-konvenut.

Il-konvenut **Paul Cutajar**[5] da parti tieghu, qal li xi erbat ijiem qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum stipulat fl-iskrittura, l-attur gie l-garaxx tieghu u qallu li kellu jigi jigbru l-ghada filghodu. Dam fil-garaxx ghal zmien twil. Izda meta gie l-ghada ghal xi 3.00 pm qallu li kien iggieled mal-mara u kien ser jibda jirregistra. Ghalhekk ma kienx ser jiehu x-xarabank u talab lura l-kapparra li kien hallas. Hu wiegbu li kellhom ftehim u rrifjuta li jroddlu l-kapparra.

Qal ukoll li hallielu x-xarabank barra l-bieb tad-dar tieghu ghal xi gimaghtejn. Qal li kellu incident wiehed meta karrozza dahlet fin-naha ta' wara tax-xarabank waqt li kien wieqaf. L-attur kien riekeb mieghu. Il-hsara kienet tiswa biss xi Lm50 u difatti min dahal go fih lanqas ghamel *claim.* Kienu ftehmu mal-*panel beater* li l-attur seta jehodlu x-xarabank ghat-tiswija meta jkun komdu u l-konvenut kien ser jaghmel tajjeb ghall-ispejjez.

Qal ukoll li l-attur kien avvicinah l-ewwel darba xi xaharejn qabel biex jixtri ix-xarabank u mbaghad hassar. B'hekk imponielu l-hlas ta' kapparra meta ftehmu t-tieni darba.

In **kontro-ezami** qal li l-attur kien gie ghall-kapparra u mhux ghax-xarabank. L-incident li semma' fejn karrozza dahlet fix-xarabank sehh xi hamest ijiem qabel l-attur gie ghall-flus. Il-hsara tant kienet zghira li hadd ma ghamel *claim* u lanqas rapport lill-Pulizija dwar il-habta. Il-hsara hija murija fuq **Dok. AC2** a fol.63 tal-process. It-trukk iddahhal dik in-nhar stess ghand il-*panel beater* ghat-tiswijiet. L-attur kien anke ordna xoghlijiet zejda lill-*panel beater* u b'hekk dahhal lill-konvenut fi spejjez li ma kienux miftehma. Ix-xoghol kollu sar fiz-zmien il-15-il jum stipulat fil-ftehim u kien qal lill-attur li seta' jigbor it-trukk tlett ijiem qabel l-iskadenza. Cahad li kien inghata estensjoni biex jibqa' izomm ix-xarabank. L-attur kien jigi il-garaxx kwazi kuljum biex jara l-progress fuq ix-xoghol.

---

[5] Affidavit a fol.86 et.seq.tal-process.

Hu biegh ix-xarabank lil terzi wara sena illi suppost inxtara mill-attur.

**Lawrence Mamo[6],** *panel beater*, xehed li l-attur, dakinhar stess tal-ftehim, kien tah struzzjonijiet biex jaghmel xoghlijiet fuq ix-xarabank FBY-801. Ix-xoghol lestieh qabel l-iskadenza ta' 15-il jum. Ikkonferma dak li xehed il-konvenut fis-sens li l-attur kien gie l-garaxx u l-konvenut qallu li seta' jiehu x-xarabank. L-attur wiegbu li kien gej jigbru l-ghada. Skont ix-xhud, "*ftehmu wkoll li Cremona kellu jsewwi ghas-spejjez ta' Pawlu, l-hsara li garrab ix-xarabank f'incident tat-traffiku. Ftehmu wkoll li jekk jitlef xi xoghol, Pawlu jhallsu..Il-hsara kienet zghira u ma kienx hemm iktar minn Lm50 spejjez u zewgt nofs ta' nhari xoghol. L-ghada gie u Pawlu nzerta ma kienx il-garaxx. Cremona qalli li ma kienx ser jixtri x-xarabank ghaliex kellu l-inkwiet mal-mara..u ghalhekk kien ser jibdel ix-xoghol. Cremona qal li ser imur jirregistra u jahdem ta' bajjad.*"

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Illi mill-provi jirrizulta li l-bejgh finali ma sehhx u spicca l-effett tal-weghda. (Art. **1357 (2) tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta).

Kontrarjament ghall-hlas akkont ta' prezz, izda, meta l-hlas jiehu l-forma ta' kapparra, *ai termini* tal-Artikolu **1359 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, jew kien xi forma ta' *forfeitable deposit*, is-sitwazzjoni kienet tkun differenti u fil-fatt tali artikolu huwa "*l-uniku xorta ta' kapparra prevista mill-ligi taghna, fejn kull wahda mill-partijiet tista' terga' lura mill-konvenzjoni billi titlef il-kapparra jew tisborsja d-doppju skont il-kaz*" ("**Carmelo Cassar noe vs Leo Camilleri**" – A.C. 6 ta' Gunju 1986 – Vol LXX.II.326; "**Cecilia Galea Pace vs Thomas P Dimech noe**" – 11 ta' Ottubru 1989 – Vol VLXXIII.II.379).

[6] Affidavit a fol. 88 et.seq.tal-process

F'dan il-kaz, ghandu jigi ppruvat li jikkonkorru l-elementi necessarji biex jipprovokaw it-telfin tal-kapparra, u *cioe'* l-inadempjenza tal-konvenut/venditur minghajr gusta kawza. Din ukoll tipprezupponi d-disponibbilta' tal-parti li qed tirrivendika z-zamma tad-depozitu li tersaq ghall-kuntratt definittiv u r-rifjut tal-parti l-ohra li taghmel dan.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut ried jersaq ghall-bejgh finali u kien l-attur li rrifjuta li jircievi x-xarabank ghaliex jghid li dan garrab hsarat waqt li l-konvenut baqa' isuqu. Huwa principju fondamentali li kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fede*. Ghalhekk jibqa' li l-atturi ghandhom jippruvaw li huma kellhom raguni valida sabiex ma jersqux ghall-kuntratt finali tat-trasferiment in esekuzzjoni tal-istess konvenju peress li kien il-konvenut li agixxa bi ksur tal-obbligazzjonijiet minnu assunti.

Illi dan kollu gie kkonfermat fil-gurisprudenza nostrali fosthom fis-sentenza **"Etienne Borg Cardona *et vs* Davinia Leasing Company Limited"** (A.I. (C.A.) 7 ta' Mejju 1998 – LXXXII.ii.89) li sostniet:-

*"... effettivament dak li huwa importanti ghall-fini, kemm ta' l-iskrittura, kif ukoll konsegwentement ta' din il-kawza, huwa illi kwalunkwe raguni valida fil-ligi tintitola l-kompratur prospettiv li ma jersaqx biex jiffirma konvenju u b'rizultat li mbaghad jkollu dritt ghar-rifuzzjoni ta' elf lira li kienet thallset, kif inghad (forfeitable deposit). Dan hu, kif inghad, il-ftehim fis-semplicita' tieghu".*

Applikati dawn il-principji**,** il-Qorti hi tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija iktar verosimili. Huwa minnu li l-attur ried jixtri x-xarabank ("*kellu interess li jarma ghar-rasu*") u anke kien imur fil-garaxx biex jara li x-xoghlijiet miftehma kienu qed isiru, izda ma giex ippruvat li kien il-konvenut li ma riedx jikkonsenja x-xarabank minghajr ebda raguni gusta.

Anzi fuq dan il-punt materjali kien hemm konflitt bejn it-testimonjanza tal-attur u ta' missieru. L-attur jghid li kien il-konvenut li ma riedx jghaddilu x-xarabank. Missieru, izda, jghid mod iehor u xehed li Cutajar ried jghaddilu t-trukk

imma kien ibnu li rrifjuta li jiehdu minhabba l-hsarat li ggarrab f'habta. L-attur in kontro-ezami, ghazel din l-ahhar verzjoni u qal li ma riedx ix-xarabank minhabba l-hsarat li avverraw fuq it-trukk.

Il-Qorti ghandha tifhem li dawn il-hsarat kellhom ikunu ta' tali portata li jiggustifikaw lix-xerrej li johrog mill-obbligu konvenzjonali tieghu. Difatti, kemm mix-xhieda tal-konvenut, kif korroborat mix-xhieda tal-*panel beater* **Lawrence Mamo**¸ jirrizulta li l-hsara kienet minima (ta' xi Lm50) u li l-konvenut kien assuma r-responsabbilta' li jirranga l-hsara a spejjez tieghu bi qbil mal-attur. Dan hu kkonfermat mill-istess ritratti esebiti mill-attur fejn il-hsara hija negligibbli u difficilment tidher. Certament ma' tiggustifikax lill-attur milli jersaq ghall-kuntratt finali ta' xiri.
Il-verzjoni tal-konvenut, min-naha l-ohra, u cioe`, li l-attur ghazel li johrog mill-obbligu tieghu habta u sabta minhabba problema matrimonjali issib il-korroborazzjoni konsistenti fix-xhieda tal-imsemmi **Lawrence Mamo** li kien prezenti fil-garaxx u li l-attur kien qallu proprju kliem f'dan is-sens. Sakemm l-attur avza lill-konvenut li kellu dan l-inkwiet, ma jirrizulta ebda prova li tista' tinduci lill-Qorti x'tifhem li l-konvenut ma riedx jonora l-konvenju. Anzi x-xoghlijiet fuq ix-xarabank tlestew qabel l-iskadenza ta' 15-il jum miftiehem fil-konvenju, u anke matul dan il-perjodu, l-attur stess kien thalla jaghti direzzjonijiet lill-*panel beater* dwar dak li xtaq isir fix-xarabank a spejjez tal-istess venditur. Lanqas ma rnexxielu jipprova li l-konvenut ried itawwal it-terminu u wisq inqas li l-konvenut kellu xi hadd iehor interessat biex jixtri x-xarabank (il-konvenut qal li bieghu sena wara). Mill-assjem tal-provi ma johrog xejn li jista' juri li l-konvenut ma riedx jifinalizza l-bejgh.

Fid-dawl tas-suespost, ir-raguni moghtija mill-attur tal-allegat hsarat mhiex hlief pretest ingustifikat biex jisvinkola ruhu mill-obbligazzjonijiet tieghu skont il-ftehim. Lanqas irnexxielu jipprova li l-konvenut ried itawwal it-terminu u wisq inqas li l-konvenut ma riedx jikkonsenjalu x-xarabank, liema onere kien jinkombi fuqu bhala l-attur f'din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li t-**tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **tichad t-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------